

It-Tlieta, 19 ta' Frar 2008

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

Ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Claudio Fava

P6_TA(2008)0047

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Frar 2008 dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Claudio Fava (2007/2155(IMM))

(2009/C 184 E/19)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba ta' Claudio Fava, għall-ħarsien tal-immunità tiegħu b'konnessjoni mal-proċeduri ċivili li nbdeu kontrih quddiem il-Qorti Ċivili ta' Marsala fid-29 ta' Mejju 2007, imħabbra fis-seduta plenarja tas-6 ta' Ġunju 2007
- wara li sema' lil Claudio Fava, skond l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965, u l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett tal-20 ta' Settembru 1976,
- wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u tal-10 ta' Lulju 1986 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0007/2008),

1. Jiddeċiedi li jħares l-immunità u l-privileġġi ta' Claudio Fava,;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-Kumitat responsabbli lill-awtoritajiet ikkonċernati tar-Repubblika Taljana.

⁽¹⁾ Kawża 101/63 Wagner vFohrmann u Krier [1964] ECR 195 u Kawża149/85 Wybot v Faure u oħrajn [1986] ECR 2391.